# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizzjoni numru 3037

**Każ numru 4109/JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**
**Muhammed Abdulkadir Altinok**
**(ID No )(KI 0184019A)**
**U**
**CX FORT LTD (C 68421)**

**dwar tkeċċija mill-impjieg**
**allegata li hi inġusta**

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum: 25 ta' Novembru 2024**

(1) **Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali/Qrati tal-Gustizzja, minn Muhammed A. Altinok permezz ta' rikors ppreżentat mill-Avv. Lorna Mifsud Cachia, nhar itr 28 ta' Ottubru 2022. L-esponent umilment jitloblil dan Onorabbli Tribunal joghgbu: jikkunsidra u jiddeciedi dan il-kaz skont il-ligi u jiddikjara illi t-tkeccija da parti tas-socjeta' konvenuta tal-esponenti mill-impieg kienet ngusta u bbazata fuq ragunijiet mhux tajba u sufficjeneti skont il-ligiu jordna konsewentament dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghtih il-ligi inkluz l-imposizzjonijiet ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-ligi.

Minn naha taghha is-socjeta intimata C X Forte Ltd permezz ta' risposta ta dikjarrazzjoni pprezentata mill-Avvi: Christine Calleja u Erika Azzopardi Taliana, isosstni li r-rikorrenti ma setax iwettaq iktar xogholu minghajr hsara ulterjrimentali, illi is-socjeta intimata kellha titerminalu l-impieg tieghu minhabba inkapacita li hu jwettaq xogholu. Illi dincertament illi tikkostitwixxi raguni raguni gusta u sufficjenti ai termini tal-ligi sabiexil-principal jittermina l-impieg u ghaldaqstant, ma hemm ebda kumpens x'jithallas.

**(2) Ir-rapprezentanza:**

Muhammed Abdulkadir Altinok li minn issa il-quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit **mill-Avukat Lorna Mifsud Cachia.**

Il-kumpanija C X  Forte Ltd li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-socjeta intimata hijaipprezentat **mill-Avv. Christine Calleja u Erika Azopardi Taliana.**

**(3) Il-fatti fil qosor:**

Ir-rikorent, persuna ta' nazzjonalita Torka kien impjegat mas-socjeta intimata fuq kuntratt indefinit u beda l-ingagg tieghu fit 12 ta' Jannar 2018, bhala **Customer Support Agent** u wara gie promoss ghar-rwol ta' **Senior Agent** fl-1 ta' Awissu 2018. (Rif Dok CX1).

Lejn l-ahhar tas-sena 2021 ir-rkorrent kien indika lis-socjeta li kellu problemi psikologici izda kien qieghed jiehu it-trattament. Fl-1 ta' Frar 2022 it-tabib tas-socjeta intimata gharraf lis-socjeta, li ir-rikorrent kellu problemi ta' sahha mentali u kellu bzonn kura psikjatrika.

Wara li fit-28 ta' Frar 2022 ir-rikorrent ipprezenat certifikat mediku (miftuh), talab li jmur lura lejn it-Turkija, sabiex jiehu ftit mistrieh, wara li l-ispecjalista Dr. EtienneMuscat iccertifika lir-rikorrent, li qieghed ibati minn' (anti depressive disorder), u li dan ikollu sitwazzjonijiet li fihom ma jkunx kapaci jaghmel xoghlu kif mehtieg u suppost.

Is-socjeta intimata kienet accettat it-talba tar-rikorrenti sabiex hu imur lura f'pajjizu waqt il-perjodu tas-sick leave tieghu. Wara li irritorna lura Malta ,hu irraporta ghax-xoghol fid-9 u ll-10 ta' Mejju 2022 u fil-11 ta' l-istess xahar rega hareg bis-sick leave, u dan barra sa 22 ta Mejju, wara talab sabiex jaghmel laqgha ma l-HR tas-socjeta intimata.

Waqt din il-laqgha, ir-rikorrenti stqarr li ma kienx ihossu tajjeb ghax-xoghol u li ma setax jahdem, u talab sabiex is-socjeta intimata tohrog b'xi soluzzjoni. Is-socjeta intimata talbet lir-rikorrent sabiex jikseb certifikat minghand il-Psikjatra tieghu fejn jigi spjegat x'tip ta' xoghol seta jaghmel, sbaiex tara tistax takkomodah.

Is-socjeta intimata giet infurmata mit-tabib taghha li skond il-psikjatra ir-rikorrent ma setax ikompli jahdem fir-rwol tieghu u l-anqas jahdem bil-lejl. (Rif Dok CX4).

Ir-rikorrent persisstentiment sosstna li is-socjeta kellha issib rwol iehor ghalih, u li ghal dan ried rsiposta immedjata. Is-socjeta intimata wara diskussjoni interna ikkonkludiet li ma kien hemm l-ebda rwol ezisitenti li setghet toffri lir-rikorrent, u ghaldaqstant kellha titterminalu l-impieg.

Is-socjeta kienet onorat il-hlasijiet kollha pendenti, inkluz somma ex gratia kif ukoll biljett ta' l'ajru sabiex ir-rikorrent ikun jista jirritorna lura lejn pajjizu.

Ir-rikorrent min naha tieghu baqa isosstni li is socjeta intimata kient qed tittratah hazin u ingust.

**(4) Lista tax-xhieda:**

Minn naha tar-rikorrent lista ta' xhieda skond in-nota fir-rikors promutur.

Minn naha tas-socjeta intimata , lista ta' xhieda skond kif riferuta fid-dikjarazzjoni tas-27 ta Dicembru 2022 (pag 4)

**(5) Lista tad-dokumenti:**

Minn naha tar-rikorrent, affidavit Dok MAA

Minn naha tas-socjeta intimata Dok M 1 sa 6 inkluz; Dok CX1

**(6) Gabra tax-xhieda fil qosor:**

**Xhiedha ta' Buket Kurnaz Buhur: Customer Loyalty Manager;**

**Pag 2 "_______,** *he told me that he was having mental issues, he gave us personal details like he's afraid to stay alone and everything: "*

*Pag 3: "____ so Danica explained to himm that we will try our best but we need doctor's guidance because how it started and we will continue with doctor guidance and he needs to tell us like what what can he do or hoe we can help him.___,_________he said that he can be a Security Guard, he can serve coffee, and he would liked working in IT etc _____".*

*"_______even if I get another job I'm not sure if I can continue to do it or not"*

*Page 6 "___ so the report of the doctor states that Mohammed finds speaking with customers who are frustrated and are unreasonably demanding, very stressful".*

*" _______he requested to his manager to go to Turkey but in the meeting he said that he didn't wnatto go because he said he knows that he cannot sort his mental issues in a short periopd".*

*"___________he cannot come to work in regular hours because he doesn't know whenhe will feel raellbad, he doesn't know when he wants to be in the building or not______" Rif* Sed 05/06/2023 *(pag 6/7)*

***Avv: Marcus Degiorgio: Mist*** *" Okay kif kont lesta li tghinu?*

***Danica Bonavia Psaila HR Director "*** *Nistenna jaghtini aktar kjarifikazzjoni u gwida t-tabib u l-psikjatra li huma espaerti ghax jiena war akollox m'inix fil qasam mediku,u nar ajek hemmx xi xoghol li jista jaghmel,jew forsi stax jibqa jaghmel ix-xoghol tieghu u nnaqqsulu l-ammont ,jew forsi seta' jaghmel ix-xoghol tiegfhu ghax ghamilnihom qabel dawn l-affarijiet, ghalhekk qed insemmihom". Rif (Sed 06/11/2023 pag5 )*

***Muhammed Abdulkadir Altinok: rikorrent***

*I told him "_____________you can check everything on the internet and you can speak with HR because the process is really long", he told me " no worries , just take your pills and then take care, the company is with you we will support you,", " __if you want you can go to Turkey, it's my idea, maybe it wil be better, it could be better for you". Rif Sed 12/02/24 pag 31.*

**(7) Trattazzjoni finali:**

Waqt it-trattazzjoni finali it-Tribunal ghamel nota li filwaqt li l-Avukati li kienu jirraprezentaw lir-rikorrenti kienu irrinunzjaw il-patrocinju tal-kawza u ir-rikorrent stess kien assenti waqt it-trattazzjoni finali, it Tribunal xorta kien ser ikompli bil-kaz.

**L-Avv: Christine Calleja: ghas-socjeta intimata.**

Ghamlet riferenza ghal zewg ligijiet  l-Kap 452 u l-Kap 424 li jiggwidaw il-kamp tax-xoghol, u li dawn ghandhom jigu mitharsa u segwiti it-tnejn meta it-Tribunal Industrijali. Dawn jixthu dawl minn naha dak  li ikun qieghed jitratta kaz ta' tkeccija minn impieg, u l-ligi l-ohra minn naha ta'  Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol (Occupational Health & Safety). F'dan il-kaz ir-relevanza taz-zewg ligijiet hija cara ghax ir-rikorrenti gie itterminat mill-impieg ghal raguni li il-mard li kellu (dak mentali ), u li kien iccertifikat, li impeddixxih milli jaqdi id-dmirijiet tar-rwol li kien impjegat sabiex jaghmel.

"*Hawnhekk għandna każ ftit partikolari ta' xi ħadd li minħabba l-istat fiżiku, mentali tiegħu, iktar naħseb jien fil-verità kien mentali aktar milli fiżiku din il-persuna ma setgħetx twettaq id-doveri tagħha skond il-kuntratti tax-xogħol li kienet ingħatat. Nixtieq infakkar it-tribunal li min qed jagħti x-xogħol għandu żewġ liġijiet, ejja ngħidu hekk x'josserva mhux biss il-Kap 452 L-Employment and Industrial Relations Act  jiġifieri hemmhekk għandek il-protezzjoni mit-tkeċċija, paga etċ. Però hemm liġi li forsi xi kultant ninsewha li hija l-Occupational Health and Safety Act. Jiġifieri l-employer mhux biss irid jara li qed iħallas il-pagi u ma jkeċċi l-ħadd inġustament etċ u ma jiddiskriminax imma ukoll li fix-xogħol li jagħti lill-ħaddiema jassigura s-saħħa u s-sigurtà, anzi l-liġi tgħidlek mhux biss tal-ħaddiem imma ta' kull min jista' addirittura jiġi affettwat bix-xogħol li qed isir jiġifieri ara kemm il-liġi tinponi oneru kbir fuq min qed iħaddem.*" (Rif Sed 22/07/2024 pag 1).

**L-Avv: C. Calleja** ghamlet riferenza ghall Kap 452 fejn il-ligi Maltija twassal ghal decizzjoni ta' tkeccija gusta jew ingusta fuq il-bazi **ta' raguni tajba u sufficjenti**. Ghamlet riferenza ghall gurisprudenza Ingliza fejn huwa specifikat il fatt ta'meta impjegat

Jiġifieri l-liġi Ingliża ikkejterjat speċifikament għal-każ bħal tagħna li ssemmi *capability* u *capability* tista' tkun jew kwistjoni ta' *performance* jiġifieri inti għandek il-kwalifiċi u t-teknika biex tagħmel dan il-*job*, imma ukoll raġunijiet mediċi fiżikament inti tista' twettaq dan il-*job.* Issa ma jfissirx li għax il-liġi tagħna ma semmitiex ma inkluditiex, imma jiena biex ngħid li l-liġi tagħna hi aktar ġenerika. Il-liġi Ingliża kienet iktar speċifika imma huwa ben aċċettat mit-tribunal, li inti *capability* hija waħda propju mill-*good and sufficient causes*, jew għax inti ma tistax twettaq xogħolok għax m'għandekx il-kwalifiċi u t-teknika neċessarja

jew għax inti fiżikament ma tistax twettaq dak ix-xogħol, jiġifieri anke taħt il-liġi tagħna din hija raġuni li tiġi kkunsidrata bħala raġuni tajba u suffiċjenti.

**(8) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal ra il-kuntest kollu tal-kaz u f'dan l-isfond ghamel dawn il-mistoqsijiet sabiex ikun jista jasal ghad-decizzjoni tieghu.

Il-mard mentali huwa meqjus bhala marda komparata ma mard iehor (OHSA).?
Dan il-kaz gie ittrattat fuq il bazi daqs li kieku ir-rikorrent kellu xi tip ta' mard iehor?.
Ittiehdu xi kunsiderazzjonijiet li setghu wasslu ghal mard/marda li kellhu?
Ittiehdu kunsiderazzjonijiet jekk kienx hemm xi abbuz minn naha tas-socjeta jew kollegi tar-rikorrenti?
X'setghu kienu ir-ragunijiet li wasslu ghat-terminazzjoni?

**Fatti ikkonfermati mix-xhieda:**

**Ir-Rikorrenti:**

Ma kienx kapaci jezercita id-doveri tieghu.
Ma kienx kapaci ilahhaq ma l-ammont u l-pressjoni tax-xoghol.
Kien hemm nuqqas ta' livell ta' performance fix-xoghol tieghu.
Kien hemm assentijizzmu persistenti mix-xoghol minn naha tar-rikorrenti.
Ma kienx hemm l-ebda tip jew xi forma ta' trattament ingust, jew ta' diskriminatorju.

Kien inghata ghajnuna u sapport fuq ix-xoghol.
Ikkonferma it-trattament li inghata ir-rikorrent minn naha tas-socjeta intimata.
Kien hemm probabilita lir-rikorrent seta jirrikovera ruhu
Kien inghata bizzejjed zmien sabiex jirkupra u itejjeb is-sitwazzjoni tieghu.

**Is-Socjeta intimata:**

Saret investigazzjoni necessarja tas-sitwazzjoni qabel mas-socjeta intimata hadet id-decizzjoni.
Is-socjeta adottat procedura gusta sabiex waslet ghat-terminazzjoni tar-rikorrent.
Is-socjeta kellha ragunijiet validi u gustifikati sabiex ir-rikorrent jinghata terminazzjoni.
Is-socjeta aggixiet b'ragonevolezza, u kienet temmen serjament u konsistenti fid-decizzjoni taghha.

**Konklużjoni:**

Dan huwa kaz tipiku li jezigi li is-socjeta intimata trid tuza l-istat tar-ragonevolezza matul l-izvilupp tal-fatti kif graw mill-bidu tal-kaz. Hemm il-kwistjoni tas-Sahha u Sigurta fuq il-post

tax-xoghol (OHSA), kif ukoll minn naha l-ohra is-socjeta intimata ghandha id-dritt li tara il-livell ta' kemm u kif ir-rikorrent qieghed jikkontribwixxu fid-doveri tieghu.

F'dan il-kaz, fejn gie iddikjarat li ir-rikorrent kien iddikjarat professjonalment (fil-livell ta specjalista) li kien affettwat minn mard mentali, mard li irid jigi ittratat bhal kull mard iehor skond il-ligi ta l-OHSA.

Ghaldaqstant, is-socjeta intimata qdiet l-obbligu taghha li tiehu ir-responsabilita sabiex tipprotegi lir-rikorrent bil-mezzi kollha sabiex ir-rikorrent ikun jista possibilment jerga jirritorna ghal l-istat normali u jibqa isegwi id-doveri tieghu fuq il-post tax-xoghol. Il-mezzi kollha disponibbli gew mghotija lir-rikorrent qabel mas-socjeta intimata waslet ghad decizzjoni drastika li tittermina l-impieg.

It-Tribunal xtar sewwa jekk is-socjeta intimata iggwidatx ruhu ma dawn il-kriterji stabbiliti.

(a) Imxiet sewwa mad-definizzjoni stabbilita ta ragonevolezza
(b) Ghamlet l-investigazzjoni necessarja tal-fatti kif graw mill bidu sa l-ahhar
(c) Kellha fatti cari u professjonalment iccertifikati tal-mard li kellu ir-rikorrent, tali mard irriżulta lir-rikorrent jispiċċa b'inkapacitajiet serji, li iwasslu fin-nuqqas tad-dmirijiet tiegħu
(d) Ikkunsidrat il-perjodu u l-effett tal-mard li kellu ir-rikorrenti, kif ukoll l-effett tal-leave ghal mard, ghal perjodi twal li beda jirriżulta f'andament negattiv għan-negozju tas-soċjetà intimata.
(e) Ir rikorrenti inghata żmien raġonevoli biżżejjed, kif ukoll il-kura necessarja sabiex jirrikovera ruħu, qabel ma ittiehdet id-deċiżjoni li jiġi itterminat.
(f) Kien qed jigi segwit jekk il-kura u l-ghajnuna moghtija mis-socjeta intimata kienx qed jirrizulta sabiex ir-rikorrent jirritorna ghal posizzjoni produttiva li kellu ir-rikorrent fil-bidu ta' l-impieg tiegħu.
(g) Intuzat il-procedura gusta mehtiega sabiex ir-rikorrent jinghata kull opportunita mhux biss biex jibqa fir-rwol li kellhu, iżda il-possibilità biex jingħata xogħol alternattiv jekk jeżisti.

## (9) Decizzjoni:

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ipprezentati miż-żewġ partijiet, żamm tmien seduti, sema ix-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha in konsiderazzjoni ta' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazjoni finali

Ma kienx possibbli li it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien kif stabbilit mill-Ligi minhabba numru ta difereimenti mitluba minn zewg partijiet kif ukoll cirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

It Tribunal wara li ikkonferma, mix-xhiedha mghotija waqt il-process, li l-kriterji kif imsemmija aktar il-fuq gew segwiti b'responsabbilita minn naha tas-socjeta intimata, sabiex waslet ghad-decizzjoni taghha li tittermina l-impieg tar-rikorrent. Is-socjeta ukoll hallset pagament ex gratia dak kollu li kien dovut lejn ir-rikorrent.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi li it-terminazzjoni mill-impieg tar-rikorrent kienet wahda gusta u skond il-ligi.

B'hekk il-kaz huwa maghluq

**(Iffirmat)**

**James Pearsall**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Graziella Borg**
**Għas- Segretarju**